MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 362/2009

**Alfons Enterprises Limited C 20428**

**vs**

**Silvio Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra** t-TALBA tas-socjeta' attrici ghal ammont bilancjali dovut ghal merkanzija mibjugha u minnha konsenjata lill-konvenut gewwa l-Cameleon Club. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra interpellatorja u bl-imghax mid-19 ta' Novembru 2005 – data tal-ahhar konsenja ta' affarijiet. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni

**Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:

1. Preskrizzjoni *per* Art 2156 (f) Kap 16.
2. L-ammont pretiz mhux dovut.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

**PROVI**

A1 Beda biex xehed **Reuben Farrugia** ghas-socjeta' atrici (xoghlu kien li jigbor il-pagamenti) li qal li l-konvenut (bejjiegh minn kiosk) kien jixtri minghandhom regolarment. Qal li mit-*transaction history* jirrizulta li fit-22.10.2007 kien ghamel l-ahhar pagament akkont fl-ammont ta' LM46.59c.

2 Ix-xhud kien iltaqa mal-konvenut fil-granet tat-*trade fair* 2009 u kien weghdu li kellu jigi jhallas. Dan kien wara li kienet ga giet intavolata l-kawza prezenti.

Fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2010 dan it-TRIBUNAL kien ta' sentenza preliminari li fiha cahad l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

C1 Fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2010 **xehed ulterjorment Reuben Farrugia** li esibixxa bhala Dok RF1 u 2 dettalji tal-hlas li qed jirreklamaw minghand il-konvenut.

2 Fuq Dok RB1 ghandu jaghti bilanc ta' LM190.44 filwaqt li fuq RB 2 ma hallas xejn u ghandu jati LM221.52c. Bejn it-tnejn jigu **LM411.68**, issa **€958.19c**

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. Fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2010 il-kawza giet differita ghas-16 ta' Jannar 2011 ghall-provi kollha u ghat-trattazzjoni. Dak in-nhar il-Gudikant kien indispost u l-kawza baqghet differita ghall-istess skop ghall-udjenza tal-24 ta' Frar 2011. F'din is-seduta il-konvenut naqas li jidher jew iressaq il-provi.

2. Hu car li t-TRIBUNAL ta' lill-konvenut kull opportunita' li jsemma l-qanpiena tieghu biex jinstemghu iz-zewgt iqniepen. Il-konvenut ma hax din l-opportunita'.

3. Fin-nuqqas ta' ammissjoni inekwivoka l-attur irid dejjem jipprova l-posizzjoni tieghu. It-Tribunal ihoss li s-socjeta' attrici dan ghamlitu permezz tax-xhieda

rassikuranti ta' Reuben Farrugia li johdilha hsieb il-gbir tal-flus.

**DECIZJONI**

**IT-TRIBUNAL**

Wara li qies kollox jiddeciedi billi jilqa talba attrici u jikkundanna lill-konvenut li jhallasha lis-socjeta' attrici l-*quantum* ta' disa' mija, tmienja u hamsin Ewro u dsatax-il centezmi (€958.19c) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut li ghandu jhallas ukoll l-ispejjes tal-ittra interpellatorja msemmija fl-AVVIZ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------